**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrate Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 17 ta' Settembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christian Abela)**
**vs**
**Zakaria Hamad Ibrahim**
**Bakar Ahmed**
**Adam Bashir**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Zakaria Hamad Ibrahim** ta' 28 sena, iben Ibrahim u Halima, imwieled Dafour Sudan nhar l-1 ta' Jannar 1992, residenti Havana Triq l-Appell Luqa u detentur ta numru tal-Pulizija 19H-084;

**Bakar Ahmed,** ta' 19 il-sena, iben Bakar u Maria, imwieled Darfour Sudan nhar it-2 ta' Jannar 2001, residenti HTV Birzebbugia, u detentur ta' numru tal-Pulizija 19K-005; u.

**Adam Bashir**, ta' 34 sena, iben Adam u Hawa, imwieled Darfour Sudan, nhar l-1 ta' Jannar 1986, residenti HTV Birzebbugia, u detentur ta' numru tal-Pulizija 19BB-023

Akkuzati talli fil-15 ta' Settembru 2020 u jew fil-jiem gimghat u xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer

1. Uzaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi passaport li huma kienu jafu li gew iffalsifikat, mibdul, jew li sar xi tibdil fih;
2. Ghamlu falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamlu uzu mnn xi dokumenti ohra falsifikati;

3. mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess taghhpom xi dokument, meħtieġ għall-finijiet ta'dan l-Att li kien falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidra l-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati kull wiehed mill-imputat, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u tikkundannahom sebgha (7) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRATE**